# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**62.** **6 ta' NOVEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## Il-Libell tiegħi.

Ŭara seba xhur sħaħ tnicchir il-libell tiegħi u ta't-Tabib Agius ŭaslu u iż-żejt tala f'ŭiċċ l-ilma. Daŭc collha li geŭ daru ma' dŭari biex jaraŭni nieżel għal Cordin, chif tant xtieku, bakgħu b'xiber imnieħer m'hux biss, iżda għiddmu xuftejhom meta raŭni ħiereġ fuk l-ispallejn, fost l-applaŭsi u l-għajat ta' ferħ ta'l poplu; li issa intebaħ li aħna ma conniex daŭc iż-żeŭġ nassiesa li għal xi mibegħda jeŭ biex nagħmlu reclam klajna minn żniedna dic ix-xniha chif sefsfulu l-għedeŭŭa tagħna.

Il poplu issa ra ucoll li ma chellux raġun meta ċanfarni li kgħadt fuk li kalli it-Tabib Agius jeŭ li jiena ma rajtx seŭŭa x'chienet il biċċa kabel ma ctibt. Issa intebaħ li it-Tabib Agius chellu raġun u li ŭera chemm tasseŭ jifhem u jakra biex sata jati lil l-intelligenti avucat tiegħu, l-Onor. Mercieca, daŭc il provi ta' xjenza collha biex dana sata jagħmel dic id-difiża famusa li għad tibka tissemma għal hafna snin.

Jiena jidhirli li ŭrejt ucoll li ma għamiltx l-affarijiet chif gieb u laħak billi chif kal taħt ġurament it-Tabib Agius f'ix-xhieda tiegħu ħallejt xi żmien ijgħaddi kabel ctibt biex nara jecc jitchellmux xi gazzetti oħra; li mort għandu apposta biex nara xi provi chellu f'idejh u li hu sgurani li min kallu chien tabib milli chien hemm f'it-tgħalliek ta' Xcora stess, li hu bniedem rispettabbli, indipendenti, li għandu pratca cbira u li jecc ijcun hemm bżonn ma hux sejjer jilagħbu. Dac il ħin, għad li tlabtu li jgħidli min chien dana it-tabib ta' min jafdaħ, imkar taħt is-segriet professjonali tiegħi, ma riedx ijgħidli u ma kallix li chien it-Tabib Bernard u jiena għalhecc b'il ħsieb tiegħi mort f'ħadd ieħor. Ŭara li sgurani minn dan nizżilli xi cotba m'il librerija u ŭrieni li dac collu li kallu it Tabib Bernard sata jcun u li xi drabi ġara ucoll.

Iżda għad li sgurani b'dan collu jiena f'in-« Naħla » lankas għidt li dac li chiteb it-Tabib Agius f'ir-« *Risorgimento* » chien tasseŭ; tlabt biss lil Gvern li ma jħallix dina il biċċa hecc importanti tgħaddi lixx u li jagħmel inchiesta fukha biex ijcollna ftit ta'd-daŭl ħalli naraŭ jecc chellux tort min għamel l-eżami jeŭ min chiteb l-articolu contra tiegħu. U balleċ id-daŭl issa sar u chif! Mela li chiecu jiena ma kankaltx il biċċa u xeŭŭixt Malta ta taħt fuk chien jibka rieked collox u ma conniex nifthu għajnejna fuk certi praspar u ma chienx għal darb'oħra jisseŭŭa xejn.

Bħal ma kal l-Avucat Onor: Caruana-Gatto f'id-difiża tiegħu il ġurnalista ma hux kiegħed biss biex ijfaħħar il predicaturi, lil xi ventartal jeŭ tużell, biex ijniggheż l'id-dilettanti ta't-teatrini jeŭ ijgħarrafna x'sejjrin ijdokku il baned. Le, il ġurnalista għandu b'il curaġġ collu, imkar jaf li kiegħed jilgħab li jiecol sitt xhur ħabs u multa kaiila, jicxef dac collu li ma jsirx seŭŭa f'il pajjis m'il Impjegati ta'l Gvern ħalli daŭna ma jcunux ijpappu is-salarju biex jagħmlulna il ħsara f'loc il gid. Jecc ma jsirx hecc, jecc cullħadd jibża m'il babaŭ ta'l libelli, jecc il ġurnalisti ma jcollhomx il ħila li jakdu dmirhom chif ijmiss, il pajjis jibka f'id-dlam u f'il jasar u ma jieħu ir-ruħ katt, u ma jimxi katt il kuddiem.

Mela jidhirli jiena li meta raj f'ġurnal mictub minn tabib accuża ħarxa bħal dic, meta stħarrigt biex nara x'pedament hemm għaliha u sguraŭni li ma chienitx klaija, u meta jiena xandartha u tlabt id-daŭl fukha ma għamilt xejn ħażin; jiena ma inkast bl-ebda mod m'id-dmir tiegħi ta' ġurnalista onest u kalbieni, u ma nistax nifhem għala x'uhud siblu contra tiegħi għaliex dehrilhom li ma chelli katt nitniffes fuk din il biċċa...

# Esperanto

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

*Kvar kaj dek-ok faras dudek-du*—Erbgħa u tmintax jagħmlu tnejn u għoxrin.

*Tridek kaj kvardek-kvin faras sepdek-kvin*—Tlietin u ħamsa u erbgħin jagħmlu ħamsa u sebgħin.

*Mil-okcent-naŭdek-tri*—Elf tmien mija u tlieta u disgħin.

*Mil naŭcent-naŭ*—Elf disa mija u disgħa.

*Li havas dek-unu infanojn*—Hu għandu ħdax il tifel.

*Sesdek minutoj faras unu horon, kaj unu minuto konsistas el sesdek sekundoj*—Sittin minuta jagħmlu siegħa u minuta hi magħmula minn sittin seconda.

Biex tgħid l-eŭŭel, it-tieni, it-tielet, tgħid hecc: *unua, dua, tria, kvara, kvina, sesa, sepa, oka, naŭa, deka* igifieri billi ma'n-numru iżżid A.

*Januaro estas la unua monato de la jaro, Aprilo estas la kvara, Novembro estas la dekunua kaj Decembro estas la dekdua*—Jannar hu l-eŭŭel xahar ta's-sena, April hu ir-raba, Novembru il ħdax u Decembru it-tnax il ŭieħed.

*La dudeka tago de Februaro estas la kvindek unua tago de la jaro*—Il għoxrin jum ta' Frar hu il ŭieħed u ħamsin jum t's-sena.

*Kion Dio kreis en la sesa tago?* — X'ħalak Alla f'issitt jum?

*Kiun daton ni havas hodiaŭ?* — Chemm għandna m'ixxahar. illum?

*Hodiaŭ estas la dudek-sepa tago de Marto*—Illum għandna sebgħa u għoxrin minn Marzu.

*Georgo estis naskita la dudek-duan de Februaro de la jaro mil sepcent tridek-dua*—Gorg tŭieled f'it-tnejn u għoxrin ta' Frar ta's-sena elf seba mija u tnejn u tlietin.

*Naskita* hu il *participju passat* ta' *naski;* u jsir bi-IT; il present ijsir bl-AT; u il futur ijsir bl-OT. Mela *mi estas amata*--jiena ninsab maħbub issa; *mi estis amita*—jiena cont maħbub fl-imgħoddi; *mi estos amota*—jiena għad irrid incun maħbub għalli gej.

Il *participju present* ijsir billi inżidu *ant, int,* jeŭ *ont.* *Mi estas amanta*—jien kiegħed inħobb; *vi estis aminta*—int cont tħobb; *vi estos amonta*—int għad trid tħobb. Mela *amanto*—ŭieħed li kiegħed ijħobb, namrat; *amantino* namrata; *Savinto*—Dac li salva l'id-dinja; *mortintoj*—il mejtin; *kantontoj*—daŭc li sejjrin ijcantaŭ.

*Mi havas cent pomojn* jeŭ *mi havas centon da pomoj*—Jien għandi mitt tuffieħa.

*Mi havas dekduon da kuleroj kaj dudekduon da forkoj*—Jiena għandi tużżana imgħaref u żeŭġ tużżani friechet.

*Unue* (fl-eŭŭel loc, l-eŭŭel ħaġa li nagħmel) *mi redonas al vi la manon*—jiena natic lura il flus; *kiun vi pruntis al mi*—li sliftni; *due* (f'it-tieni loc) *mi dankas vin pro la prunto*—jien nirringrazzjac talli slifthomli; *trie mi petas vin ankaŭ poste prunti al mi kiam mi bezonos monon*—f'it-tielet loc jiena narġa nitolboc ŭara li tislifni il flus meta jcolli bżonn.

Biex tcattar (timmoltiplica) iżżid *obl:* Mela *duobla*—ħaġa doppja; *duoble*—b'id-doppju, għal darbtejn; *sesoble,* għal sitt darbiet.

(*Jissocta.*)

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G: M.** (Tunes).

Scond sentenza li inkatgħet ma ilhiex f'il Korti ta'l Algier u li giet imgeddeda m'il Korti ta'l Cassazjoni ta' Franza il caŭżi fuk *immobili* (igifieri djar, oksma ecc.) għandhom jinkatgħu scond il Ligi Franciża, iżda daŭc li jcunu fuk *mobili* (djun, flus, mobbli ecc.) għandhom jinkatgħu fuk il ligi ta'l pajjis ta' dac li jagħmel il caŭża. Mela tista tfittex għal flus li semmejtli scond il-ligi maltija.

**Lil Sliemist.**

Cun af li culi ħaġa li nircievi m'hux iffirmata inkattagħha bla ma nati l-ebda cas tagħha; u ftacar ucoll li l-ebda ħaġa ma tista tidher f'in-« Naħla » jecc ma tcunx iffirmata. Daŭc l-articoli collha li tara u li ma jcunx fihom firma taħthom ijfisser li huma tiegħi. Cull min jixtiek jara tidher f'in-« Naħla » xi ħaġa xierka u minnha ma nafx għala għandu jaħbi ismu. L-anonimu hu ħaġa cherha u ma nicrulux f'in-« Naħla. »

**Lil G. B.** (Il Belt).

Għad li il mistoksija tiegħec ilha tistenna it-tŭiegiba tagħa ftit żmien seŭŭa iżda fl-aħħar ŭaslet siegħitha ucoll u b'il mod inŭiegeb lil cullħadd billi nixtiek chemm nista li l-imsieħbin ta'n-« Naħla » joħorġu cuntenti.

Ctibtli li tixtiek taf x'jista jiecol min hu marid b'id-diabete u x'inhi l-aħjar cura għal din il marda li chif krajna ftit ilu hi tant mixxejja f'daŭna il Gżejjer. Għal l-eŭŭel mistoksija irrid ingħarrfec il l-*Union Pharmaceutique* ftit ilu chien fiha articolu sabiħ ħafna ta't-Tabib Richardiere li fi ftit cliem ijgħid dan:—

1. Li min hu diabeticu ma għandux jiecol għagin u zoccor għaliex daŭna f'il fŭied ijsiru glucosju li jagħmel ħafna ħsara.

2. Li il-laħam, ix-xaħam, il butir u ħŭejjeġ bħal daŭn għandhom ijcunu l-ichel ta'd-diabetici.

3. Li frott għandhom jieclu m'il lankas u li ma jieclux fuk collox il għeneb billi fih ħafna zoccor. Ħżiena huma daŭc il ħŭejjeġ ucoll li fihom il-lamtu, u għalhecc daŭc il ħŭejjeġ ta'l ichel fejn jidħol it-tkiek. il piselli, il fażola, il kastan u oħrajn bħal daŭn ma għandhomx x'ijriduhom. Patata m'il inkas. Ħobż xejn. Iż-żejt, il bajd u il ġobon huma tajjbin ŭisk; u minn daŭna jistgħu jieclu chemm jogħġobhom. Jistgħu jieclu il caboċċi, l-insalata, il ħjar, li spraġ, il ġeŭż, il gelleŭż u il leŭż. Jistgħu jjxorbu cull ħaġa li ma fihiex zoccor. L-imbejjet ta' Borgonja u ta' Bordò huma tajjbin; iżda daŭc ta'l Italja, ta' Spanja u ix-Xampanja lè. Spirti m'il linkas għaliex għalchemm ma jcunx fihom zoccor iżda l-alcohol jagħmel ħsara cbira f'il fŭied.

Bouchardat cbiteb li il ħalib hu ħażin għa'd-diabetici; iżda Kultz, li studja tajjeb ħafna dina il ħaġa, jgħid li ftit jistgħu jixorbu għaliex iz-zoccor li fih jinħarak seŭŭa; u il għaref Lecorchè, li tant studja dina il marda, jgħid li sa nofs litru cull jum ma jagħmel l-ebda ħsara.

Fuk il cura nista ingħidlec biss illi jiena krajt ħafna certificati sbiħ fuk il FERMENTIN, li huma iffirmati minn ħafna tobba famusi u li ma jinxtraŭx, u li daŭna collha taħħru ŭisk lil dina il medicina billi meta ordnaŭha lil morda tagħhom ŭisk drabi fieku u meta ma fiekux għal collox dejjem tjiebu. Għaldakshecc b'id-dieta regolari u b'il FERMENTIN naħseb li għandec tmur tajjeb ħafna. Ipprova u jecc tgħarrafni chif tmur tatini pjacir.

**Il Cżar ta'r-Russja** darba kal li chiecu ma chienx imħabbat chif inhu chien ijgħaddi ħajjtu jakra il-cotba. Ijħobb ħafna jiġbor il bolli, jibbordja u jiġbor il bajd ta'l għasafar. Ijħobb ucoll jilgħab il carti u jpejjep ùisk.

**Il Piramida il Cbira** ta'l Egittu giet mibnija minn Cheops xi 3,733 sena kabel Cristu, u scond Horace Wyndham tlaħħak 85,000,000 pied cubu. Il għaref Storicu Erodotu jgħarrafna li biex imbniet ħadmu tliet mitt elf ruħ għal tlietin sena. Il Piramida ta' Kefren imbniet xi 2,666 sena kabel Cristu chif ijgħarrfuna Erodotu u Diodoru l-Iskalli. It-tielet Piramida, scond Mariette, giet mibnija m'ir-Regina Nicotris. Fl-1837 cbienu sabu fiha it-tebut ta's-Sultan Mycerinus li chien għerek huma u sejjrin bih għal Museù ta' Londra.

**In-nisa** barra minn Malta jaħdmu u jakilgħu x'jieclu billi jieħdu sehem fl-industriji. Fi Franza it-terz ta'n-nies li hemm jaħdmu huma nisa; f'il Belġju hemm m'il erbgħa ùaħda; f'il Germanja, fl-Inghilterra u fl-Istati Uniti hemm m'il ħamsa ùaħda.

**L-elettricita'** f'minuta seconda iddur għaxar darbiet ma dùar id-dinja: il ħsieb ma jiġrix ħlief sittin metru cull seconda.

**Fl-Italja** hemm għoxrin elf trux-mutu u minn daùna tliet t-elef biss hemm miġburin fl-Istituti. Għal daùn jaħdem ħafna fl-Italja Dun Ġużepp Gualandi li ħakku it-tifħir ta' cullħadd.

**Sinjura Ingliża** nefket f'libsa, miżgħuda b'il ġaùhar, għaxar t-elef lira u li libsitha darba biss! Libsa ta' ùaħda minn daùc li jcunu ma dùar ir-Regina tlaħħak ħames t'elef lira u għal lejla ùaħda biss! Hemm min jixtri fjur ta'l orchidea b'ħames mitt lira! Ùieħed xtara nofs tużżana bi 3,580 lira! Fjur ta'l orchidea laħħak 1,270 lira u nofs. Gie li taù pranzi f'Londra li lil cull mistieden nefkulu mitt lira! Fi pranzu li intgħata hemm ma ilux intefku 420 lira fjuri biss, il menus 52 lira, b'collox elfejn u ħames mija! Hemm minn ijħallas sa tliet elef lira ta' «*flat.*» F'ħotel tajjeb ijħallsu għaxar liri biex jorkdu lejla biss! Hemm min jixtri caxxa ta' ħamsin sigarru b'ħamsin lira! F'il ħin li f'Londra ucoll hemm min jiecol b'erba soldi biss u jaħdem is-sena collha bħal chelb għal ħamsa u għoxrin lira biss.

**L-aħjar letterati ingliżi** jafu xi sengħa. Thomas Hardy u Hall Ċaine huma architetti; Hichens hu compositur ta'l musica; Jerome attur tajjeb; Le Queux, pittur, Wells, xjenzjat, Rider Haggard, Anthony Hope u Stanley Weyman, avucati.

**Lord Avebury** hu il bniedem li tiegħu ħadu l-eùùel ritratt fl-Inghilterra. Meta Daguerre mar f-Londra b'il famusa invenzjoni tiegħu ta'l fotografija ùrieha lil missier dana il Lord Avebury li hemm ħaj. Missieru talab lil Daguerre li jipprova fuk ibnu u dac ir-ritratt hu l-eùùel ùieħed li sar fl-Inghilterra.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

NOVEMBRU.

8.—1530. Il Cavalieri bdeù il funzjonijiet f'il Cnisja ta' San Laùrenz ta'l Birgu.

9—1801. Saru id-Deputati biex ijmorru Londra.

10—1782. Giet icconsagrata il Cnisja ta Ħal Chircop.

11—1775. Miet il Gran Mastru Ximenes.

12—1626. Sar l-eùùel Rettur ta' S. Baldisca f'Raħal Ġdid.

13—1530. Daħal l-Isle Adam fl Imdina.

14—1577. Deħret cometa li tùaħħax.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Carmena m'il banda l-oħra xtieket ħafna li tara lil Fatma (li ùara li tgħammdet bdeù ijsejjħula Catarin), ùaħda għaliex chien ilha żmien tùil ma taraha u billi tista tgħid żenglitha u bennenitha hi bakgħet miġbuda lejha ùisk, ù l-oħra għaliex riedet titlobha li tmur kaddejja magħha biex ma tokgħodx ma' Ħamid taħt sakaf ùieħed bla ùens ta' ħadd; u għaldakstant kaltlu li il ħsieb tiegħu għoġobha ùisk.

Ġanni, biex kassar chemm sata it-triek chif xtieket Carmena, għadda minn Ħal Ùarda u minn Ħal Bordi, ħdejn H'Attard u ùara li reħa Ħal Balzan nifed f'Ħal Man, krib fejn illum hemm iċ-Cimiterju kabel ma nakbdu it-telgħa ta'n-Naxxar, u ùara li ferak dan ir-raħal gibed għal Ħal Dgħif biex nifed f'Musulmet li ma chienx fih ħlief ftit djar.

Għaliex, għal min ma jafx, f'Malta, dic il ħabta, chien haùn ħafna irħula oħra li illum ma bakax ħlief isimhom billi jeù tħarrbtu għal collox jeù jinsabu imgħakkda ma irħula oħra. Fl-1514 chien haun f'Malta biss ma's-sittin raħal li bakgħu sa'l pesta ta'l 1592 meta ħafna minnhom inkerdu billi in-nies li chien fihom mietu collha.

Biċċa minnhom chienu cbar seùùa bħal Ħal Dùin, b'mitt dar, u bħal Ħal Muxi, b'mitejn, u li illum jinsabu magħkudin ma' H'aż-Żebbuġ; Bubakra, bi tlieta u tmienin u in-Nigret b'mitejn dar, illum ħaġa ùaħda ma'ż-Żurriek; Ħal Niclusi, bi tmienin dar, u Ħal Xluk, b'sebgħa u tlietin, ingħakdu biex ma djar oħra għamlu is-Siġġieùi; Ħal Ùarda, bi ħmistax il dar, u Ħal Bordi, bi tmintax, ittieħdu ma' H'Attard; Ħal Dgħif, bi tlietin dar, u Musulmet, bi ftit oħra, chienu chif ġa għidna jagħmlu raħal ùieħed m'an-Naxxar; Ħal Biżbut, Ħal Tmin, u Ħal Ġùann illum jinsabu magħkudin ma'ż-Żejtun. L-oħrajn chienu daùn:— Ħal Mula, seù, seù bejn Ħa'ż-Żebbuġ u il Buschett; Ħal Tartarni, li chien imfarfar ġmielu bejn Ħa'd-Dingli u il Buschett; Ħal Cbir, Bejn il Krendi u is-Siġġieùi u fejn nifhem li eluf ta' snin kabel chienu ijgħammru daùc il ġorfijiet li bneù l-Imnajdra u Ħaġar Kim; Ħal Leù, bejn is-Siġġieùi u l-Imkabba; Ħal Millieri, bejn l-Imkabba u iż-Żurriek; Ħal Tabuni, bejn il Krendi u il Gurghenti; Ħal Seù u Ħal Manin; bejn iż-Żurriek u il Krendi; Ħal Kadi u Ħal Saftan, ħdejn il Gudja u fejn actarx chienu jgħammru il Cartaginiżi u kabel actarx ġnus oħra billi f'il krib insibu il Catacombi ta' Ħal Salfieni li fihom sgur chienu jidħlu l-eùlenin nies ta din il gżira. Ħal Ferut u Ħal Farruġ chienu krib Ħal-Luka; Ħal Ġaùhar, fejn Ħal Chircop lejn Bingħiża, li actarx ucoll chienu imgħammrin m'il Cartaginiżi: Ħa's-Sajd chien fejn Ħa'ż-Żebbuġ u Ħa's-Sajd ieħor bejn Ħa'ż-Żabbar u Ùied il Għajn; Ħal Caprat, bejn Birchircara u Ħal Kormi, Ħal Għarrat bejn Bormla u Ħal Tarxien, krib fejn illum hemm il Cnisja ta'l Fgura; Ħal Far bejn iż-Żurriek u Ħal Safi; u Ħal Dimech, Ħal Pessa, Ħal Arrig, Ħal Milìtt u Birmiftuħ illum collha ingħakdu ma'l Gudja, li milli nistgħu nifhmu chienet ùaħda m'il irkajja li fihom chienu jħobbu l-iżjed ijgħammru ix-xjuħ missierijietna.

Li l-irħula li semmejna chienu jinsabu f'Malta chif għedna ħadnih minn ittra kadima li is-Sultan Ferdinandu chien bagħat lil Ambaxxatur tiegħu f'Ruma fl-1514.

Sa'l 1700 il cbar chienu tmienja biss, u ma' ħamsa minnhom ingħakdu l-irħula iż-żgħar collha billi ma chellhomx parroċċa. B'il mod il mod xi uħud minn daùna iż-żgħar chibru u cotru tant f'in-nies li saru parroċċi huma ucoll u li għadhom ijferfru sa'l-lum.

***

**Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg**, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Religjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos? Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali. F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi ħag'a u jrid jitlakħa f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu daħlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irħas tasseu.**

---

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS




## 50 STR. MERCANTI IL BELT

CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

---

**In-"Nahla" tistampa ruħħa fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.**